Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,635, 30 ta' April, 2026

Taqsima B

A.L. 138 tal-2026

ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)

Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet ta' Xogħol tal-Isptarijiet u l-Kliniki

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(1) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Ministru responsabbli għal impiegi u relazzjonijiet industrijali għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu, bidu fis-seħħ u applikabbilità.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet ta' Xogħol tal-Isptarijiet u l-Kliniki.

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fi żmien xahrejn (2) mid-data tal-publikazzjoni tiegħu fil-Gazzetta.

(3) Id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan l-ordni għandhom japplikaw għall-impjegati kollha fi kwalunkwe sptar privat, nursing home jew post ta' konvalexxenza, klinika dentali jew klinika oħra, inklużi d-dental mechanics jew istituzzjonijiet mediċi jew tal-infermerija jew stabbilimenti simili:

Iżda dan l-ordni ma għandux japplika għal impjegati li r-remunerazzjoni tagħhom għal servizz hija regolata bi dritt stabbilit taħt kwalunkwe liġi oħra:

Iżda wkoll f'każ illi jkun hemm ftehim kollettiv applikabbli għall-klassi ta' impjegati li huma koperti b'dan l-ordni, il-kondizzjonijiet l-iktar favorevoli f'dak il-ftehim jew f'dan l-ordni għandhom jipprevalu.

Tifsir.

2. F'dan l-ordni, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"Att" tfisser l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali; Kap. 452.

"festi tas-soltu" tfisser il-ġranet, għajr il-Ħdud, iddikjarati għal dak iż-żmien bħala festi pubbliċi taħt l-Att dwar il-Festi Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra; Kap. 252.

"ftehim kollettiv" għandu jkollu l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"ġimgħa" tfisser ġimgħa kalendarja;

"ħaddiem semi-skilled" tfisser ħaddiem li kieku xort'oħra kien ikun ħaddiem skilled iżda ma jkunx għamel apprendistat fis-sengħa;

"ħin doppju" tfisser id-doppju tar-rata attwali tal-ħin li titħallas lill-impjegat;

"ħin u nofs" darba u nofs tar-rata attwali tal-ħin li titħallas lill-impjegat;

"ħinijiet tax-xogħol" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"impjegat bix-xift" tfisser impjegat li huwa regolarment ingaġġat għal perjodi alternattivi ta' impjieg skont roster imħejji;

"impjegat part-time" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"impjegat whole-time" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"klinika" tfisser kwalunkwe stabbiliment, għajr sptar, fejn il-persuni jattendu għal eżami mediku jew trattament, u tinkludi kliniki għal kura ta' qabel it-twelid, kliniki tal-X-ray u laboratorji mediċi, iżda ma tinkludi l-ebda istituzzjoni li hi mmexxija mhux bi skop ta' profitt:

Iżda fejn klinika tkun qiegħda fi spiżerija, l-impjegati ta' dik l-ispiżerija ma għandhomx jitqiesu bħala l-impjegati ta' dik il-klinika;

"paga" tfisser remunerazzjoni jew qligħ li jitħallas minn prinċipal lil impjegat u tinkludi kwalunkwe bonus li jitħallas skont l-artikolu 23 tal-Att għajr kwalunkwe bonus jew allowance relatat mal-prestazzjoni jew mal-produzzjoni;

L.S. 452.87.

"perjodu ta' mistrieħ" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fir-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol;

"perjodu tal-impjieg" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"sptar" tfisser kwalunkwe istituzzjoni li tipprovdi kura mediko-kirurġika, kwalunkwe post ta' maternità jew

stabbiliment idropatiku, inkluż djar tal-anzjani u sanatorji iżda teskludi tali istituzzjonijiet tal-karità li jistgħu jiġu identifikati mill-Ministru responsabbli għal impjiegi u relazzjonijiet industrijali.

3. Impjegati whole-time ma għandhomx jitħallsu inqas mir- Paga minima.
rati tal-pagi applikabbli għall-grad tagħhom kif ġej:

KATEGORIJA A - (Impjegati li min-natura tad-dmirjiet tagħhom ikollhom kuntatt dirett mal-pazjenti)

Attendent tal-Isptar/tal-Klinika

€11,930.91 fis-sena li tiżdied b'żidiet annwali ta' €55.90 fis-sena sa massimu ta' €12,303.61 fis-sena.

Infermiera Iskritta:

€12,194.12 fis-sena li tiżdied b'żidiet annwali ta' €83.86 fis-sena sa ma tilħaq il-paga ta' €13,209.45 fis-sena.

Dan is-salarju għandu japplika għal dawk l-impjegati li n-natura tax-xogħol tagħhom hi li jagħtu kura medika lill-pazjenti.

Staff Nurse/Infermiera Reġistrata mal-Istat:

€12,678.64 fis-sena li tiżdied b'żidiet annwali ta' €83.86 fis-sena sa ma tilħaq il-paga ta' €13,028.88 fis-sena, u sussegwentement b'żidiet annwali ta' €111.81 fis-sena sa massimu ta' €13,722.83 fis-sena:

Iżda dawk l-Infermieri Reġistrati mal-Istat li barra x-xogħol normali tagħhom jagħmlu wkoll xogħol ta' qabla, huma għandhom ikunu intitolati għall-ħlas ta' żieda ta' €111.81 fis-sena minbarra s-salarju normali tagħhom.

KATEGORIJA B - (Impjegati li min-natura tad-dmirijiet tagħhom normalment ma jidħlux f'kuntatt dirett mal-pazjenti)

Awżiljarji tal-Isptar:

(a) Servi u Impjegati fil-Laundry:

€229.44 fil-ġimgħa li tiżdied b'żidiet annwali ta' €1.16 fil-ġimgħa sa massimu ta' €235.24 fil-ġimgħa;

(b) *Fattigi*/*Labourers*/*Purtinara/Gate Keepers:*

€232.35 fil-ġimgħa li tiżdied b'żidiet annwali ta' €1.75 fil-

ġimgħa sa massimu ta' €237.60 fil-ġimgħa.

Id-dmirijiet ta' gate keeper għandhom jikkonsistu biss li jikkontrolla d-dħul u l-ħruġ miż-żona tal-isptar.

Ħaddiema Semi-Skilled

€237.01 fil-ġimgħa li tiżdied b'żidiet ta' €1.75 fil-ġimgħa sa massimu ta' €242.26 fil-ġimgħa.

Ħaddiema Skilled

€239.34 fil-ġimgħa li tiżdied b'żidiet annwali ta' €1.75 fil-ġimgħa sa massimu ta' €247.49 fil-ġimgħa.

Impjegati Mhux Industrjali (inkluži skrivan tal-appuntamenti, skrivan/clerk-typist)

€233.52 fil-ġimgħa li tiżdied b'żidiet annwali ta' €1.75 fil-ġimgħa sa massimu ta' €243.42 fil-ġimgħa.

KATEGORIJA Ċ

Awżiljarji Dentali:

Matul l-ewwel sena ta' impjieg fil-professjoni, impjegat taħt l-età ta' tmintax (18)-il sena għandu jitħallas paga minima ta' €229.44 fil-ġimgħa; wara l-ewwel sena ta' impjieg fil-professjoni l-paga li titħallas għandha tkun ta' mhux anqas minn €232.93 fil-ġimgħa u tiżdied b'żidiet annwali ta' €1.28 fil-ġimgħa sa massimu ta' €239.33 fil-ġimgħa.

Assistenti ta' Laboratorji Dentali:

€232.35 fil-ġimgħa li tiżdied b'żidiet annwali ta' €1.75 fil-ġimgħa sa massimu ta' €237.60 fil-ġimgħa.

Dental Mechanics

Fejn Dental Mechanic fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta mill-Bord Konsultattiv u Eżekuttiv u li jagħmel xogħol ta' dentaturi u xogħol ieħor relatat kemm jekk ikun jagħmel dawn ix-xogħlijiet kollha li ġejjin, jew uħud minnhom, jiġifieri l-kostruzzjoni ta' obturators, splints għal ksur, chrome cobalt prosthesis, attachment bridgework ta' preċiżjoni u porċellana fuża ma' bridgework tad-deheb jew xort'oħra, huwa għandu jirċievi salarju ta' €12,678.64 fis-sena b'żidiet annwali ta' €83.86 sa €13,028.87 fis-sena u sussegwentement b'żidiet

annwali ta' €111.81 sa massimu ta' €13,722.66 fis-sena.

Dental Mechanic li ma jkunx fil-pussess ta' kwalifiki għandu jirċievi paga ta' €239.34 fil-ġimgħa b'żidiet annwali ta' €1.75 fil-ġimgħa sa massimu ta' €245.75 fil-ġimgħa.

Sahra.

4. Impjegati whole-time għandhom jitħallsu sahra bir-rati li ġejjin:

(1) Sptarijet:

(a) għall-ħin kollu li jinħadem 'il fuq mill-ħinijiet ordinarji tax-xogħol fi kwalunkwe ġurnata tal-ġimgħa, inkluża kwalunkwe ġurnata ta' mistrieħ fil-ġimgħa, ħlief il-Ħdud jew festi tas-soltu..... ħin u nofs;

(b) għall-ħin kollu li jinħadem fil-Ħdud jew fil-festi tas-soltu..... ħin doppju.

(2) Kliniki:

(a) għall-ħin kollu li jinħadem 'il fuq mill-ħinijiet ordinarji tax-xogħol fi kwalunkwe ġurnata ħlief il-Ħdud u l-festi tas-soltu..... ħin u nofs;

(b) għall-ħin kollu li jinħadem fil-Ħdud jew fil-festi tas-soltu..... ħin doppju.

Ħinijiet ordinarji ta' xogħol.

5. Il-ħinijiet ordinarji ta' xogħol ta' impjegati whole-time fi kwalunkwe stabbiliment jew organizzazzjoni ma għandhomx jeċċedu b'kollox erbgħin (40) siegħa xogħol fi kwalunwke ġimgħa waħda (1), u l-paga minima ta' tali impjegati għandha tkun relatata għal ġimgħa ta' mhux aktar minn erbgħin (40) siegħa xogħol:

Iżda:

(a) il-ħinijiet ordinarji tax-xogħol ta' impjegati whole-time bix-xift fi kwalunkwe sptar għandhom ikunu mqassma matul perjodu ta' impjieg kontinwu kif stabbilit mill-prinċipali bi ftehim mal-impjegati skont ir-roster imħejji mill-prinċipali;

(b) il-ħinijiet ordinarji tax-xogħol ta' impjegati whole-time għajr impjegati bix-xift impjegati fi kwalunkwe sptar għandhom jiġu mqassma matul perjodu ta' impjieg kontinwu ta' mhux aktar minn disa' (9) sigħat fi kwalunkwe ġurnata waħda (1), inkluż il-ħin tal-mistrieħ; u

(ċ) il-ħinijiet ordinarji tax-xogħol ta' impjegati whole-time impjegati fi kwalunkwe klinika għandhom jiġu mqassma bejn it-8.00 a.m. u s-7.00 p.m. fi kwalunkwe ġurnata waħda (1) mit-Tnejn sal-Ġimgħa. Fil-jum tas-Sibt il-ħinijiet tax-xogħol għandhom ikunu mit-8.00 a.m. sas-1.00 p.m.

Ħin ta' stennija.

6. Impjegat għandu jkun intitolat għall-ħlas tar-remunerazzjoni minima applikabbli għalih għall-ħin kollu li matulu jkun preżenti fil-fond tal-prinċipal jew fi kwalunkwe post ieħor li għandu x'jaqsam mal-impjieg tiegħu, sakemm ma jkunx preżenti hemm f'waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) mingħajr il-kunsens espress jew impliċitu tal-prinċipal;

(b) għal xi għan li mhux relatat max-xogħol tiegħu, għajr li jkun qed jistenna li jiġi assenjat ix-xogħol lilu;

(ċ) unikament minħabba l-fatt li hu residenti hemm;

(d) matul il-waqfiet rikonoxxuti tal-ikel u ta' mistrieħ, diment li ma jkunx qiegħed jistenna li jiġi assenjat lilu x-xogħol.

Ikel u uniformijiet mingħajr ħlas.

7. L-impjegati whole-time kollha impjegati fi kwalunkwe sptar għandhom ikunu intitolati għas-segwenti mingħajr ħlas:

(a) ikla prinċipali waħda kull ġurnata tax-xogħol jew f'nofs inhar jew filgħaxija;

(b) tè filgħodu u wara nofsinhar;

(ċ) uniformijiet, overalls jew kwalunkwe lbies ieħor inkluż ilbies protettiv li huma meħtieġa jilbsu mill-organizzazzjoni li timpjegahom:

Iżda jekk l-impjegati ma jutilizzawx id-dritt tagħhom għal kwalunkwe ikliet b'xejn, huma ma għandhomx ikunu intitolati għal kumpens fi flus.

Ħin minimu ta' mistrieħ ta' kuljum.

8. (1) Impjegati whole-time fi kwalunkwe sptar għandhom jingħataw intervalli għall-ikel u għall-mistrieħ ta' total ta' mhux aktar iżda mhux inqas ta' siegħa (1) fi kwalunkwe jum wieħed (1).

(2) Impjegati whole-time li huma impjegati fi kliniki għandhom jingħataw intervalli għall-ikel u għall-mistrieħ ta' total ta' mhux inqas minn siegħa (1) fi kwalunkwe jum wieħed (1).

9. L-impjegati kollha għandhom ikunu intitolati għal perjodu ta' mistrieħ kull ġimgħa skont ir-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol. Mistrieħ minimu fil-ġimgħa. L.S. 452.87.

10. L-impjegat għandu jkun intitolat għal-leave kull sena skont ir-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol. Leave għal vaganza. L.S. 452.87.

11. (1) Impjegat whole-time għandu f'kull sena kalendarja jkun intitolat għall-ekwivalenti f'sigħat ta' tletin (30) ġurnata leave għal mard b'paga sħiħa, nieqes ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u impjegati part-time għandu jkollhom dritt *pro rata* għal-leave għal mard b'paga sħiħa, nieqes ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, liema ammont għandu wkoll jiġi kalkulat fuq bażi *pro rata*: Leave għal mard. Kap. 318.

Iżda:

(a) l-ewwel tlett (3) ijiem ta' kull talba għal-leave għal mard għandhom jitħallsu fl-intier tagħhom mill-prinċipal;

(b) għandu jiġi ppreżentat ċertifikat mediku lill-prinċipal li jkopri l-perjodu tal-leave għal mard fil-ġurnata tar-ritorn lura għax-xogħol jew, jekk tali perjodu ta' leave għal mard jeċċedi sebat (7) ijiem, fi żmien sebat (7) ijiem mill-bidu ta' tali assenza minħabba fil-leave għal mard;

(ċ) impjegati li jirċievu pensjoni tas-sigurtà soċjali fir-rigward ta' irtirar jew benefiċċju tar-romol skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali għandhom, għall-fini ta' kalkolu ta' ħlas tal-leave għal mard dovut, jitqiesu li rċevew ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali. Kap. 318.

(2) Impjegat whole-time għandu f'kull sena kalendarja jkun intitolat għall-ekwivalenti f'sigħat ta' tletin (30) ġurnata oħra leave għal mard b'nofs paga, nieqes ammont ugwali għal nofs is-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u impjegati part-time għandu jkollhom dritt *pro rata* għal-leave għal mard b'nofs paga, nieqes ammont ugwali għal nofs is-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, liema ammont għandu wkoll jiġi kalkulat fuq bażi *pro rata*: Kap. 318.

Iżda:

(a) l-ewwel tlett (3) ijiem ta' kull talba għal-leave għal

mard għandhom jitħallsu b'nofs paga mill-prinċipal;

(b) għandu jiġi ppreżentat ċertifikat mediku lill-prinċipal li jkopri l-perjodu tal-leave għal mard fil-ġurnata tar-ritorn lura għax-xogħol jew, jekk tali perjodu ta' leave għal mard jeċċedi sebat (7) ijiem, fi żmien sebat (7) ijiem mill-bidu ta' tali assenza minħabba fil-leave għal mard;

Kap. 318.

(ċ) impjegati li jirċievu pensjoni tas-sigurtà soċjali fir-rigward ta' irtirar jew benefiċċju tar-romol skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali għandhom, għall-fini ta' kalkolu ta' ħlas tal-leave għal mard dovut, jitqiesu li rċevew ammont ugwali għal nofs is-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.

(3) Il-jeddijiet tal-leave għal mard skont dan il-paragrafu għandhom japplikaw mill-ewwel (1) jum ta' impjieg.

Iżda l-imsemmi jedd għandu jiġi kkalkulat *pro rata* skont id-data tal-bidu tal-impjieg fis-sena kalendarja relattiva.

(4) Il-prinċipal jista' jeħtieġ ċertifikat mediku maħruġ minn tabib tal-għażla tiegħu li jiċċertifika li l-impjegat mhux tajjeb għax-xogħol matul il-perjodu ta' assenza.

(5) Il-jedd ta' leave għal mard għandu jiġi kkalkulat fuq il-bażi provduta għal-leave annwali kif speċifikat fir-regolament 8(1) tar-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol.

L.S. 452.87.

Leave għal korriment jew għal mard li jittieħed.

Kap. 318.

12. Kull meta impjegati whole-time jkorru jew jimirdu b'mard li jittieħed waqt li jkunu fuq ix-xogħol, huma għandhom ikunu intitolati għal leave b'paga sħiħa, nieqes l-ammont sħiħ ta' kwalunkwe benefiċċju li għalih jistgħu jkunu intitolati skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, għaż-żmien kollu ta' tali korriment jew mard:

Iżda l-korriment jew mard irid:

(a) ikun iġġarrab jew ittieħed mill-impjegat waqt il-qadi attwali ta' dmirijietu;

(b) ma jkunx iġġarrab jew ittieħed bi traskuraġni min-naħa tal-impjegat;

(ċ) ikun speċifikament attribwit għan-natura tad-dmirijiet tal-impjegat fejn id-dmirijiet ikunu ġew speċifikati mill-prinċipal tiegħu jew minn xi persuna li taġixxi f'isem il-prinċipal.

Tipi ta' leave oħra.

L.S. 452.101.

13. Impjegati għandhom ikunu intitolati għall-festi nazzjonali u għall-festi pubbliċi kollha b'paga sħiħa, kull forma ta' leave skont ir-Regolamenti dwar Dritt Minimu ta' Leave Speċjali u għal kull forma oħra ta' leave ieħor li tista' minn żmien għal żmien tiġi stipulata f'Ordni ta' Standard Nazzjonali jew f'regolamenti magħmula taħt l-Att.

Tħassir u riżervi
L.S. 452.34.
L.S. 452.54.

14. L-Ordni għal Kunsill tal-Pagi għall-Isptarijiet u l-Kliniki u l-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi tal-Isptarijiet u l-Kliniki biex jirregola l-Pagi huma b'dan imħassra bla ħsara għal dak kollu li sar jew naqas milli jsir taħthom.